# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.

## Seduta tal-lum it-Tnejn 25 ta' Settembru, 2023

**Rikors Ġuramentat Nru.: 459/2020 MH**

**Numru: 9**

**Sergio Bonnici u Emiliano Bonnici**

**vs**

**Christopher Drago u Maria Drago**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat ta' Sergio Bonnici u u Emiliano Bonnici tad-19 ta' Ġunju 2020** permezz ta' liema ġie premess u mitlub –

1. *"lli permezz ta' kuntratt ta' Bejgh u Kostitutzzjoni ta' Debitu fl-atti tan-Nutar Hans Karl Attard datata 17 ta' Settembru 2016 ir-rikorrenti kellhom jakkwistaw min ghand l-intimati:*

    1) *l-avvjament (goodwill) ta' negozju ga stabbilit mil-Kumpraturi ghal dawn l' ahhar ghaxar snin gewwa Malta;*
    2) *'Lifter' tal-marka TCM bla numru ta' registrazzjoni mudel 4YP;*

3) *sistema ta' skafar tal-hadid li jinsab mahzun go garage gewwa Hal-Qormi;*
4) *zewg palettisers li kienu fl-istess mahzen;*

*u dan versu il-prezz ta' tnejn u ghoxrin elf euro (€22,000); DOK A*

2. *Illi minn dan il-prezz l-esponenti halsu is-somma ta' tlett elef euro (€3000);*

3. *Illi l-avvjament in kwistjoni kellu jkun xejn hlief rota ta' hwienet li l-intimati kienu jbieghu xorb alkoholiku, ilma u luminata;*

4. *Illi l-esponenti pero waqfu jhallsu l-pagamenti skond il-modalita tal-kuntratt u dan peress li l-intimati ikkommettew frodi fil-konfront taghhom stante li ma kien hemm l-ebda avvjament ta' negozju kif deskritt minnhom;*

5. *Illi fil-fatt l-avvjament tan-negozju ta' l-intimati ma kien xejn hlief 'scam' peress li l-intimati kienu jakkwistaw prodott u jbieghuh bit-telf tant li spiccaw midnuna ma kulhadd;*

6. *Illi l-esponenti ma kienux jafu b'dak li kienu qed jaghmlu l-intimati peress li huwa pingew in-negozju taghhom bhala wiehed li jhalli lukru tajjeb;*

7. *Illi sahansitra irrizulta li l-lifter li kienu hallew l-intimati kien wiehed misruq;*

8. *Illi fil-fatt meta l-esponenti ikkonfrontaw lill-intimati b'dawn il-fatti huma ma insistewx ghal bqija tal-pagamenti stante li l-kuntratt hawn fuq riferut huwa karpit b'qerq, ingann u b'consilium fraudis;*

9. *Illi konsegwenza tal-fraud, u ingann kommess minn l-intimati l-kunsens ta' l-atturi kien ivvizzjat;*

10. *Illi l-atturi sofrew ukoll dannu finanzjarju kawza ta' dan il-qerq, ingann u frodi da' parte ta' l-intimati hekk kif se jigi ppruvat fil-mori tal-kawza;*

11. *Illi pero b'sorpriza l-esponenti gew notifikati b'ittra ufficjali bin-numru 811/2020 fit-termini ta' l-artikolu 253(b) u 256 tal-Kap 12 sabiex l-intimati jirrendew ezegwibbli dan l-istess kuntratt: DOK B*

12. *Ghalhekk kellha issir din il-kawza;*

*Jghidu ghalhekk l-intimati ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni ohra necessarja;*

1. *Tiddikjara li l-kuntratt ta' Bejgh u Kostitutzzjoni ta' Debitu fl-atti tan-Nutar Hans Karl Attard datata 17 ta' Settembru 2016 huwa vizzjat b'qerq, frodi u ingann a detriment ta' l-atturi u konsegwentement null u bla effett fil-ligi;*

2. *Konsegwentement tiddikjara u tiddeciedi illi l-imsemmi kuntratt huwa null u bla ebda effett legali u tordna r-rexxissjoni, t-thassir u l-annullament tieghu;*

3. *Tinnomina, okkerrendo Nutar sabiex jigi ippubblikat kuntratt ta' rexxissjoni tal-imsemmi kuntratt fil-gurnata, hin u lok li joghogbha tiffissa din il-Qorti u kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci;*

4. *Konsegwentement ukoll tordna lil l-intimati jirrifondu lura l-flus kollha li l-atturi halsu lilhom a tenur ta' l-istess kuntratt;*

5. *Tiddikjara lil intimati ukoll responsabbli ghad-danni sofferti mir-rikorrenti kawza tal-frodi kommess minnhom;*

6. *Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi; u*

7. *Tordna li l-intimat jhallsu s-somma hekk likwidata lill-rikorrenti in linea tad-danni.*

*Bl-ispejjes kontra l-intimati li huma ngunti ghas-subizzjoni".*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat.

**Rat illi l-konvenuti, debitament notifikati bl-atti tal-kawża ma ntavolaw ebda risposta entro t-terminu stipulat mill-liġi u għalhekk huma kontumaċi.**

Rat ukoll li ħadd mill-konvenuti jew difensur tagħhom baqa' qatt ma deher għas-seduti u lanqas ma għażel li jipproċedi ai terminu ta' l-artikolu 170 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat il-provi mressqa mill-atturi.

Rat illi l-kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Permezz tal-proċeduri odjerni l-atturi qed jitolbu lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li l-kuntratt ta' bejgħ u kostituzzjoni ta' debitu ffirmat bejn il-partijiet fis-17 ta' Settembru 2016 huwa null u bla effett fil-liġi stante li allegatament huwa vizzjat b'qerq, frodi u ngann da parti tal-konvenuti. Konsegwentement huma qed jitolbu t-tħassir, ir-rexxissjoni u l-annullament tal-kuntratt imsemmi kif ukoll ir-rifużjoni lill-atturi tal-flejjes imħallsa minnhom lill-konvenuti ai termini tal-istess kuntratt oltre l-ħlas tad-danni sofferti minnhom.

Mill-affidavits tal-atturi[1] jirriżulta li –

i. Għall-ħabta tal-10 jew 11 ta' Settembru 2016 l-attur Sergio Bonnici avviċina lil ħuħ l-attur Emiliano Bonnici bi proposta li jixtru mingħand il-konvenut rotta mqabbda b'xi 160 ħanut li Drago kien iforni bi kwalitajiet diversi ta' xorb fosthom ilma, soft-drinks, alkoħol, juices, energy drinks eċċ;

ii. Il-konvenut qal lill-atturi li huwa xtaq ibiegħ din ir-rotta għax missieru kellu ħafna proprjetajiet u kien ser jibda jiġbor il-kirjiet tagħhom flimkien ma' oħtu. Drago kien qed jitlob is-somma ta' €25,000 għal din ir-rotta;

iii. Għalkemm l-attur Emiliano Bonnici kien fil-bidu xettiku dwar dan in-negozju għax ma kienx il-linja tax-xogħol tiegħu, ħuħ Sergio kkonvinċih li hu stess kien ra lill-konvenut iqassam ix-xogħol fil-ħwienet u saħansitra kien hemm persuna bil-laqam "il-Koti" li qalet lil Sergio li jekk dan in-negozju ma jeħduhx huma kien ser jidħollu hu;

iv. Anke ċertu Jonathan Hili, mpjegat tal-Koti, u li fl-epoka kellu relazzjoni man-neputija tal-atturi, kien ħeġġiġhom biex jidħlu għal dan in-negozju. Saħansitra Drago kien qalilhom li missieru kien Manager mad-ditta tal-Coca Cola u b'hekk kien ser jirranġalhom prezzijiet tajbin u aktar kompetittivi għas-suq;

[1] Fol 45 et seq

v. L-atturi ltaqgħu mal-konvenut biex jiddiskutu din il-proposta. Hu kien qalilhom li bħala bejgħ fil-ġimgħa kien jagħmel bejn wieħed u ieħor €25,000 u bħala profitt wara li jinqatgħu l-ispejjeż kollha jifdal qisu xi 13% tal-bejgħ;

vi. Meta mistoqsi dwar l-apparat meħtieġ biex jagħmlu l-merkanzija u fejn se tinħażen, Drago qalilhom li kien sabilhom maħżen ġewwa Ħal-Qormi b'kera ta' €580 fix-xahar, filwaqt li l-vann, lifter u l-ixkaffar kien se jkun inkluż fil-prezz;

vii. F'dak l-istadju, fid-dawl ta' din l-offerta u l-prospetti ta' qliegħ minn dan in-negozju, l-aħwa raw li dan seta' jkun vijabbli. Sadanittant talbu lill-konvenut sabiex flimkien imorru għand l-accountant tal-atturi biex jiċċekkja l-kotba u jara jekk dak li kien qed jgħid Drago hux minnu. Meta l-accountant talbu jagħtih il-profits and loss, Drago tah djarju li fuqu kellu miktub kull ġimgħa x'kellu ordnijiet u skont id-djarju *on average* kien ikun hemm xi €23,000 bejgħ fil-ġimgħa. Għalkemm l-*accountant* talab il-*profit and loss ledger*, il-konvenut qal li ma setax jipprovdih għax ħafna mill-bejgħ kien ikun fuq bażi ta' flus kontanti u allura ma kienx ikun imniżżel;

viii. L-accountant staqsa lill-konvenut x'inhu l-marġini ta' profitt u dan tenna li huwa ta' 13% pero' ftit wara qallu li aħjar jekk jaħdem fuq 10% bħala profitt. L-

atturi jgħidu li l-accountat tahom il-parir li għalkemm iswed fuq l-abjad ma kellux profit and loss x'juri l-konvenut, pero' jekk dak li kien qed jgħid Drago kien minnu, allura dan kien ifisser li n-negozju kien se jħalli profitt ta' circa €1300 fil-ġimgħa u dan wara li jinqatgħu l-ispejjes. U din kienet ċifra tajba biżżejjed biex ikunu jistgħu jaħdmu;

ix. L-atturi qalu lill-konvenut biex itihom ċans jitkellmu u jaħsbuha u hemmhekk hu qalilhom li huwa ma riedx il-flus kollha f'daqqa imma setgħu iħallsuh depożitu ta' €3,000 bil-quddiem u l-kumplament jitħallsu €2,000 fix-xahar. L-atturi riedu li jekk jaslu għal ftehim, jiffirmaw kuntratt kif suppost għand nutar u hu aċċetta;

x. L-atturi fl-aħħar aċċettaw li jidħlu għal dan in-negozju u fis-17 ta' Settembru 2016 il-partijiet fil-kawża ffirmaw kuntratt quddiem nutar li permezz tiegħu l-konvenuti bħala vendituri biegħu lill-atturi bħala kumpraturi –

- L-avvjament (goodwill) ta' negozju ġa stabbilit mill-kumpraturi għal dawn l-aħħar għaxar snin ġewwa Malta;
- "Lifter" tal-marka TCM bla numru ta' reġistrazzjoni mudell 4YP;

- Sistema ta' xkaffar tal-ħadid li jinsab maħżun ġo garaxx ġewwa Ħal-Qormi proprjeta' tal-vendituri li jkopri arja ta' mhux aktar minn mitejn u erbgħin metru kwadru;
- Żewġ palettisers li preżentament jinsabu ġewwa l-istess maħżen ġewwa Ħal-Qormi.

Dan il-bejgħ kif miftiehem, sar versu l-prezz ta' €25,000 mill-liema ammont il-vendituri rċevew is-somma ta' €3,000 akkont tal-prezz u fir-rigward tal-bilanċ ta' €22,000 l-atturi odjerni obbligaw ruħhom li jħallsu €2,000 fix-xahar mingħajr imgħaxijiet sakemm jiġi maqtugħ il-bilanċ riżulanti kollu tad-debitu. Kien hemm qbil ukoll li l-ewwel pagament mensili ta' €2,000 għandu jsir fil-31 t'Ottubru 2016 u sussegwentement il-pagamenti mensili jsiru fl-aħħar ġurnata ta' kull xahar sakemm jinqata' l-bilanċ tad-debitu fl-intier tiegħu. F'każ ta' morosita' ta' xi pagamenti ratejali, id-debituri jiddekadu mill-benefiċċju tat-terminu mogħti lilhom skont il-kuntratt, u l-bilanċ kollu tad-debitu isir dovut u pagabbli minnufih oltre l-imgħaxijiet legali mid-data ta' tali morosita'. Saru ħdax-il kambjala għal dan il-għan a kreditu tat-tifla tal-konvenuti Drago.

Bis-saħħa tal-istess kuntratt l-atturi odjerni kkostitwew ruħhom debituri ċerti u likwidi a favur il-konvenuti odjerni fis-somma ta' €22,000 liema somma hija ċerta, vera, likwidata u dovuta.

xi. Minn dan l-ammont tħallsu żewġ kambjali ta' €2,000-il waħda pero' skont l-atturi ma setgħux jibqgħu iħallsu aktar għax is-sitwazzjoni rriżultat ferm differenti minn dak li ddeskriva l-konvenut u din ir-rotta bdew jaħdmuha bit-telf sa mill-bidu nett;

xii. Erbat ijiem wara l-iffirmar tal-kuntratt l-atturi marru jġorru xi armar mill-maħżen tal-konvenut għal dak li kienu għadhom kemm krew huma. Dakinhar stess kien ġie distributur tax-xorb, ċertu Joseph Sultana, u staqsihom jekk kinux ħadu r-rotta tal-konvenut u meta weġbuh fl-affermattiv qarras wiċċu b'mod li tahom x'jifhmu li l-konvenut kien daħaq bihom. Wara saru jafu li Christopher Drago kellu djun kbar ma' dan Sultana dwar xogħol li ħa mingħandu u ma ħallasx tiegħu. Skoprew ukoll li Drago kellu djun ma' ħafna suppliers oħra u kien għalhekk li kien ikollu ċifri ta' bejgħ u profitti mneffħin għax hu kien qiegħed ibiegħ xogħol li ma ħallasx għalih u b'hekk kien iċarrat il-prezzijiet kif ifettillu;

xiii. L-atturi ftehmu li Emiliano kellu jibqa' għaddej bix-xogħol tiegħu filwaqt li Sergio kellu jieħu ħsieb in-negozju u Emiliano jmur jgħinu wara x-xogħol u ċioe' mit-tlieta ta' wara nofsinhar il-quddiem. Il-ħsieb kien li meta n-negozju jaqbad sew huma kienu ser jibdew jagħmluh it-tnejn *full-time*;

xiv. Għall-ewwel ġimgħa wara l-iffirmar tal-kuntratt, il-konvenuta Maria Drago baqgħet tieħu l-ordnijiet mingħand il-klijenti hi u fl-ewwel ġimgħa mis-suppost mija u sittin ħanut li kien qalilhom il-konvenut niżlu għal erbgħin ħanut biss;

xv. L-atturi ffaċjaw lill-konvenut dwar dan u hu qalilhom li peress li issa kien għadda s-sajf il-bejgħ tax-xorb kien naqas pero' kien jibda l-bejgħ taċ-ċikkulata. Madankollu l-atturi jisħqu li l-ftehim kien biss dwar ix-xorb u biss biss biex jarmaw biċ-ċikkulata kien ikun hemm bżonn vann ieħor apposta bil-friġġ jew friża;

xvi. Aktar ma bdew jgħaddu l-ġranet l-atturi jgħidu li aktar bdew jindunaw li l-istampa kienet ferm differenti minn dik impinġija lilhom mill-konvenut. Huma jsostnu li mhux talli ma kienx hemm profitt talli lanqas kien jifdal biex jinħarġu żewġ pagi għall-atturi stess u għalhekk ftehmu li l-attur Sergio kellu jkompli waħdu f'dan in-negozju u Emiliano jgħinu fl-għaxijiet bit-tama li n-negozju jqum fuq saqajh;

xvii. Darba minnhom, ftit wara li kienu xtraw in-negozju mingħand il-konvenuti, Emiliano Bonnici mar għand ħanut ġewwa Triq in-Naxxar, B'Kara, introduċa ruħu bħala s-supplier il-ġdid u x'ħin tah ix-xogħol u l-invoice, tal-ħanut wieġbu

li dawk ma kinux il-prezzijiet tal-konvenut. L-attur irribatta li dawk il-prezzijiet kienu skont l-ordni li ħadet il-mara ta' Drago iżda tal-ħanut qallu li mal-konvenut kienu jiftehmu mod ieħor. Tal-ħanut ġablu xi karti li fuq wara tagħhom kien hemm prezzijiet differenti minn dawk li kienu jidhru fl-ordni. Kien hemm ordni ta' €80 li tagħha l-konvenut kien żammlu biss €65. Dan kien juri li Christopher Drago kien jaħdem bit-telf. Tal-ħanut saħansitra semma lill-attur Emilio Bonnici recording ta' telefonata bejnu u bejn Drago li fiha nstema' jgħidlu biex ma jagħtix każ il-prezzijiet li jiftiehem mal-mara għax li jgħodd kien dak miftiehem bejn il-konvenut u tal-ħanut;

xviii. L-attur Emiliano Bonnici tkellem ma' ħuħ Sergio dwar dan u wara ħalla lil ħuħ jaħdem filwaqt li hu kien jipprova jara jekk isibx klijenti ġodda;

xix. L-atturi jgħidu li aktar ma beda jgħaddi ż-żmien aktar bdew isiru jafu kemm Drago kien gidem nies u ħafna mill-ħwienet x'ħin kienu jsiru jafu li huma kienu ħadu x-xogħol tiegħu lanqas riedu jkunu jafu bihom;

xx. Indunaw ukoll li ma kienx minnu meta l-konvenut qalilhom li missieru kellu kariga għolja ma' tal-Coca Cola u li kien ser iġibilhom prezzijiet tajbin. Skoprew

anke tramite impjegat tal-kumpanija Farsons li Drago ma kiex jitħalla jidħol għandhom għalkemm ma ngħatatilhomx raġuni;

xxi. Sergio Bonnici beda wkoll isib ħafna problemi oħra fejn suppliers bħal Aquatess Ltd, Guido ta' Ħal-Qormi, Fonzu tal-Ħamrun fost oħrajn, malli kienu jarawh bil-vann ta' Drago ma kinux jaċċettaw mingħandu ċekkijiet iżda riedu l-ħlasijiet fi flus kontanti. Dan minkejja li Drago kien wegħdhom li ser jirranġalhom biex ikun jistgħu iħallsu b'ċekkijiet post-dated. Xi kredituri oħrajn kienu spiċċaw imorru l-maħżen u jippretendu l-ħlasijiet ta' dak dovut lilhom. Jingħad li lil wieħed mis-suppliers Drago gidmu container sħiħ;

xxii. Żdiedu l-problemi għall-atturi meta huma kienu jippruvaw ibiegħu bil-prezzijiet li kien qalilhom Drago imma tal-ħwienet kienu jinsistu li jħallsu l-prezz irħas li kien itihom huwa;

xxiii. Tant bdew jaħdmu b'telf li f'inqas minn sena kellhom iżarmaw in-negozju;

xxiv. Minn żmien għal żmien beda jċempel Drago għall-pagamenti u huma qalulu bir-realta' li kienu sabu ma' wiċċhom u li kien daħaq bihom. Drago wieġeb li kien qed jiġri hekk għax ma kellhomx flus biex jaħdmu r-rotta meta l-atturi qalulu

li l-flus kienu suppost ġejjin mill-qliegħ li wegħdom u mhux in-negozju spiċċa bit-telf;

xxv. Saħansitra saru jafu li għalkemm huma kienu ħallsu għall-*goodwill*, fil-verita' ma kienx hemm u fuqha seta' jaħdem min irid;

xxvi. Fit-3 ta' Marzu 2020 il-konvenuti kienu ntavolaw ittra uffiċjali numru 811/2020 kontra l-atturi sabiex jirrendu eżegwibbli l-kuntratt tas-17 ta' Settembru 2016, liema ittra qed tiġi kontestata fil-proċeduri Rik Nru 1008/22 fl-ismijiet premessi u li ser tiġi deċiża wkoll illum minn din il-Qorti kif preseduta.

**Ikkunsidrat:**

Fl-ewwel lok u kif inhuwa rassodat fil-ġurisprudenza, għalkemm il-konvenuti baqgħu kontumaċi u m'hemmx dubju li dan jekwivali għal dispett lejn is-sejħa tal-Qorti biex jidhru quddiemha, dan ma jagħtix awtomatikament il-*via libera* lill-atturi biex jirbħu l-kawża faċilment. Dan peress li kontumaċja mhijiex meqjusa bħala ammissjoni iżda kontestazzjoni tal-pretensjonjiet attriċi. Isegwi li l-atturi xorta kellhom iressqu provi li jikkonvinċu lil din il-Qorti, almenu sal-grad ta' probabilta', li t-talbiet tagħhom jimmeritaw li jiġu akkolti. F'kull każ, il-

konvenuti, anke jekk bil-kontumaċja tagħhom tilfu d-dritt li jressqu provi xorta kienu ntitolati li jagħmlu sottomissjonijiet dwar il-każ, opportunita' li huma ma utilizżawx fil-każ odjern.

Ingħad hekk fil-każ **Helen Miceli et vs Carmelo sive Charles Pisani deċiż fit-28 ta'Ottubru 2004**[2] **-**

*"Illi, kif ġie deċiż minn dawn il-Qrati għadd ta' drabi, il-kontumaċja m'għandhiex titqies bħala stqarrija jew ammissjoni min-naħa tal-imħarrek għal dak li jkun qiegħed jintalab jew jiġi allegat kontrih mill-parti attriċi: għall-kuntrarju, il-kontumaċja tqieset bħala kontestazzjoni, u l-bdil li sar fil-ligi procedurali fl-artikolu 158 bl-Att XXIV tal-1995 jidher li jtenni din il-fehma. Min naħa l-oħra, l-istitut tal-kontumaċja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imħarrek, bin-nuqqas tiegħu li jwieġeb għax-xilja u t-talba tal-parti attriċi, ikun wera dispett lejn is-sejħa tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-liġi tħares lejh bħala għamil li jistħoqqlu piena - dik li ma jkunx jista' jindaħal fit-tressiq ta' provi - bħala element ta' disordni soċjali;"*

Fil-każ **Carmel Schembri et vs Doriane Zerafa deċiż fit-12 ta' Lulju 2001**[3] ingħad hekk –

*"Illi huwa prinċipju bażilari fil-ġurisprudenza nostrali li min jallega fatt għandu l-oneru tal-prova tiegħu, u applikat dan il-prinċipju għall-każ odjern ifisser li l-atturi għandhom il-piż li jippruvaw li l-konvenuta kienet responsabbli tal-inċident tal-1 ta' Novembru 1997 f'Triq Guże Pace, il-Ħamrun, meta il-minuri Anthony Schembri safa' investit mill-karozza BAT-563.*

*Illi dan l-istess atturi għandhom l-oneru li jagħmluh nonostante li l-konvenuta baqgħet kontumaċi, stante li l-kontumaċja ma hijiex ammissjoni iżda*

[2] Ċit 1761/01
[3] Ċit 2446/98

*opposizzjoni, u għalhekk xorta l-atturi jridu jipprovaw l-allegazzjonijiet minnhom vantanti u partikolarment li l-inċident de quo ġara minħabba negliġenza da parte tal-istess konvenuta."*

Ferm il-premess, fil-mertu l-bażi tal-azzjoni tal-atturi hija li l-kuntratt tas-17 ta' Settembru 2016 huwa vizzjat b'qerq, frodi u ngann a detriment tagħhom u għalhekk għandu jiġi dikjarat null.

**L-Artikolu 974 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta** jipprovdi hekk –

*"Jekk il-kunsens ikun ġie mogħti bi żball, jew meħud bi vjolenza, jew b'għemil doluż, ma jkunx jiswa."*

Dwar il-qerq, **l-Artikolu 981 tal-Kap. 16** jgħid hekk –

*"(1) L-għemil doluż huwa motiv ta' nullita' tal-ftehim, meta l-inganni magħmulin minn waħda mill-partijiet ikunu tali illi mingħajrhom il-parti l-oħra ma kenitx tikkuntratta.*

*(2) L-għemil doluż ma jistax ikun preżunt, imma għandu jiġi ppruvat."*

Ingħad hekk fil-każ **Joseph Caruana vs Raymond Caruana deċiż fit-12 ta' Mejju 2023 -**

*"27. Il-qerq ġie definit bħala "inganno, circonvenzione, comportamento truffaldino, raggiro usato per far cadere in errore la controparte e indurla a concludere il negozio" . Hekk kif ingħad fis-sentenza mogħtija minn din ilQorti kif diversement presjeduta fl-ismijiet **Lincoln Said et vs Robert Meli et** :*

*Għandu jiġi osservat illi hu prinċipju konsolidat fil-liġi illi l-partijiet għandhom jeżegwixxu l-kuntratt ta' bejniethom bil-bona fede (Artikolu 993 tal-Kodiċi Ċivili). Huma jridu jassikuraw li l-eżekuzzjoni tal-kuntratt issir skond lintenzjoni paċifika li raġonevolment iridu jaslu għaliha l-partijiet fin-negozju ta' bejniethom. Il-bona fede hi dejjem preżunta.*

*[...]*

*Huwa ben stabbilit fil-ġurisprudenza nostrana li sabiex il-qerq jolqot il-kunsens tal-parti f'kuntratt u jħassar is-siwi tal-istess kunsens, jeħtieġ li (a) jitħaddmu mezzi jew atti qarrieqa; (b) li jkunu fihom infushom gravi; (ċ) b'mod li jkunu determinanti għan-negozju li jkun sar bejn il-partijiet, u (d) li tali mezzi jew atti jkunu twettqu mill-parti l-oħra. Biex il-qerq ikun gravi, irid ikun tali li persuna ta' dehen ordinarju ma jagħrafx li jkun ġie mqarraq u li kieku ma kienx għal dak il-qerq, kieku ma kienx jidħol fin-negozju in kwestjoni.*

*28. Fis-sentenza appena ċitata saret referenza għas-sentenza mogħtija millQorti tal-Appelli Kummerċjali fl-ismijiet* ***Reverendu Saċerdot Don Francesco Zammit et vs Avukat Dottor Anthony Farrugia et****, fejn kien ġie spjegat:*

*[...][I]d-dolo jikkonsisti fir-rieda ħażina ta' wieħed mill-kontraenti li topera permezz ta' qerq ("raggiri") biex tiddevja r-rieda tal-ieħor billi tipprovaha żball ("errore"). Infatti, ikkunsidrat min-naħa tad-"deceptor", id-dolo hu raġġir waqt li, ikkunsidrat min-naħa tad-"deceptus", hu żball. Il-liġi li diġa' tikkontempla l-iżball bħala vizzju tal-kunsens għar-rasu, tħares f'dan il-każ aktar 'il bogħod lejn il-kawża tiegħu u twassal għall-annullament tal-kuntratt anki meta l-iżball ma jkunx ġuridikament sufficjenti biex waħdu jġib għan-nullita'.*

*[...]*

*Illi element ieħor meħtieġ espressament mil-liġi (artikolu 1024 tal-Kodiċi Ċivili) biex azzjoni bħal preżenti tiġi esperita b'suċċess hu li r-raġġiri użati minn waħda mill-partijiet ikun tali li mingħajrhom il-parti l-oħra ma kinitx tikkuntratta u anki din il-prova tispetta lill-atturi. Stanti li d-dolo hu kkunsidrat bħala vizzju tal-volonta', hu raġjonevoli li ma jkunx kawża ta' nullita' ħlief in kwantu jkun eżerċita' influwenza deċiżiva fuq id-dikjarazzjoni tal-volonta' tal-kontraenti.*

*29. Fuq l-istess prinċipji straħet ukoll il-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet* ***Maria Speranza Buttigieg vs Cutajar JS (Holdings) Limited****:*

*29. [...] [T]ajjeb jingħad li f'sistemi oħrajn tal-liġi, jeżistu dispożizzjonijiet li jagħrfu bejn qerq determinanti u qerq inċidentali [Ara, b'eżempju, art 1439 u 1440 tal-Kodiċi Ċivili Taljan]. Huwa mgħallem li "il dolo determinante consiste in una condotta maliziosa posta in essere dal deceptor idonea, in concreto, ad ingannare la controparte ingenerando nel 'deceptus' una rappresentazione alterata della realta', provocando nel suo meccanismo volitivo un errore e*

*inducendolo a concludere un contratto che altrimenti non avrebbe stipulato" [Alpa G & Mariconda V, Codice Civile Commentato (2a Ediz, 2009) Libro IV, p 1080-1]. Minnaħa l-oħra, "il dolo incidente si ha quando i raggiri non sono stati tali da determinare il consenso; la controparte avrebbe equalmente concluso il negozio, ma a condizioni diverse. ... il dolo incidente non comporta l'annullamento del contratto; il contratto e' valido, ma il contraente in male fede risponde dei danni. Il dolo determinante provoca l'annullamento del negozio e in piu' vi e' l'obbligo di risarcire il danno alla parte che fu vittima dell'inganno" [Alpa, op cit, p 139];*

*30. Illi l-liġi tagħna titlob li l-prova tal-qerq issir mill-parti li tallega l-qerq [App Kumm. 31.3.1967 fil-kawża fl-ismijiet Zammit et vs Farrugia et (Kollez Vol Ll.i.546)], li wkoll trid turi li l-parti l-oħra kellha l-fehma jew intenzjoni li tqarraq [P.A. DS 6.12.2002 fil-kawża fl-ismijiet **Ian Busuttil et vs Carmen Taliana**]. Fuq kollox, "l'accertamento del dolo come vizio del consenso deve essere preciso e rigoroso, e non puo' essere affidato a semplice induzioni o presunzioni od a criteri di verosimiglianza" [Cass. 8.5.1969 nru 1570];*

*31. Illi huwa magħruf li l-qerq ma huwiex preżunt u jrid ikun ippruvat kif imiss [Art 981(2) tal-Kap 16]. Il-prova bħal din trid tkun tajba biżżejjed li turi li l-parti mixlija bil-qerq kienet nisġet skema bi ħsieb partikolari li tilgħab lill-parti l-oħra biex tersaq għall-ftehim [Caruana Galizia, Notes on Civil Law – Obligations, p 272]. Biex il-qerq jagħti lok għat-tħassir ta' rabta kuntrattwali, irid jintwera li r-raġġiri u skemi mħaddma mill-parti li tkun qarrqet iwasslu lill-parti l-oħra li tersaq għall-ftehim bil-fehma li l-elementi essenzjali tal-kuntratt huma kif maħsuba meta, fil-fatt, tali elementi jew uħud minnhom ma jikkorrispondux mas-sewwa [P.A. TM 4.3.2004 fil-kawża fl-ismijiet **PL Joseph Zammit noe vs Joseph Fenech et**]. Fuq kollox [P.A. 4.2.1965 fil-kawża fl-ismijiet **Mifsud noe vs Tanti** (Kollez Vol XLIX.ii.722)], tali qerq irid ikun ta' gravita' u serjeta' tali li, kieku ma kienx għalih, il-parti l-oħra ma kinitx tersaq għall-ftehim [P.A. 13.2.1946 filkawża fl-ismijiet **Sciberras vs Zimmermann Barbaro** (Kollez Vol XXXII.ii.223]. [...];"*

Kompla jingħad hekk fil-każ **Carmel Curmi vs Saviour sive Sammy Spiteri et deċiż fl-24 ta' Ġunju 2022** -

*"......il-Qorti rat is-sentenza tas-7 ta' Jannar 2009 fl-ismijiet **Rita Caruana et vs Giovanna Attard et** fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ssintetizzat il-prinċipji ġuridiċi li jsawwru l-azzjoni u l-elementi bażilari għas-suċċess tagħha. Ingħad hekk:*

*Illi l-frodi f'din l-azzjoni hi element ta' sostanza u objettiv u tista' timmanifesta ruħha taħt diversi aspetti. Tista' tkun diretta u tista' tkun indiretta jew oġġettiva u l-piż tal-prova jinkombi fuq min jallega l-frodi u jintenta l-azzjoni revokatorja għaliex il-frodi fil-kuntratti ma tistax tiġi preżunta. Id-dannu jista' jkun u ġeneralment ikun attwali u ċert imma jista' jkun ukoll tali fl-evidenza u ċertezza juri l-perikolu tan-nuqqas ta' garanziji tal-kredituri. Id-dannu irid ikun idderiva direttament mill-att impunjat."*

Fl-isfond tal-ġurisprudenza ċitata l-Qorti tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet -

1. Wara li rat il-provi mressqa l-Qorti hija tal-fehma li l-verżjoni tal-andament tal-affarijiet kif mogħtija mill-atturi hija kredibbli u veritjiera;

*2. Prima facie* wieħed jista' jargumenta li n-negozju fih it-tlajja u l-inżul u perjodu jpatti għal ieħor. Iżda dak li seħħ fil-mertu tal-kawża huwa ferm aktar minn hekk. Il-mertu tal-każ si tratta ta' bejgħ ta' avvjament u materjal anċillari bażat fuq rotta partikolari. Il-prezz ġie maqbul a bażi ta' kunsiderazzjonijiet ben preċiżi u ċioe' l-ħwienet koperti f'dik ir-rotta u fuq kollox il-qligħ prospettat kif indikat mill-konvenut;

3. Jidher mill-provi li l-konvenut ta stampa qarrieqa u mhux veritjiera tal-entita' tan-negozju li ried ibiegħ lill-atturi. Wieħed jifhem li mhux neċessarjament kull ħanut se jagħmel ordnijiet tax-xorb bl-istess frekwenza u fl-istess ammonti iżda meta tqis li l-konvenut innegozja mal-atturi u tħallas mingħandhom prezz li jkopri

mal-160 ħanut biex imbagħad realment jispiċċaw bi kważi kwart tal-ħwienet allura minn hemm bdiet ħerġa mill-ewwel stampa totalment differenti minn dak li kien ġie negozjat;

3. Agħar minn hekk, il-konvenut ikkonvinċa lill-atturi li l-bejgħ tax-xorb kien qed isir bil-prezzijiet indikati fl-ordnijiet li hu stess wera lill-atturi u lill-*accountant* tagħhom – u kwindi kien qed jilludihom bil-potenzjal tal-profitt f'ċertu ammonti – meta mbagħad irriżulta li ma' tal-ħwienet l-istess konvenut kien qiegħed jilħaq arranġamenti oħra minn wara l-kwinti (inkluż minn wara dahar martu l-konvenuta stess) dwar prezzijiet ferm irħas ta' bejgħ. Dan kollu kwindi naqqas drastikament il-marġini ta' profitt tal-atturi. Din l-informazzjoni qatt ma ngħatat mill-konvenut lill-atturi u għalhekk huma ma kellhomx l-opportunita' li jieħdu dan il-fattur importanti in kunsiderazzjoni qabel ma' ffirmaw il-kuntratt tas-17 ta' Settembru 2016. Ċertament għalhekk li l-konvenut uża meżżi qarrieqa u gravi u 'l hekk imsejjħa raġġieri, fin-negozjati li saru mal-atturi u ma jistax jingħad li l-atturi setgħu raġjonevolment jindunaw b'dan l-aġir tal-konvenut għax, kif ingħad, il-kovenut kien qiegħed joffri prezzijiet irħas minn dawk imniżżla fuq l-ordnijiet minn wara dahar kulħadd;

4. Di piu' l-atturi mal-konvenut kienu nnegozjaw biss dwar bejgħ ta' xorb u allura diskors mill-konvenut dwar bejgħ ta' ċikkulati biex jikkumpensa għal tnaqqis ta'

bejgħ fix-xorb ma kienx parti mill-ftehim tagħhom u għal kollox irrilevanti għal kaz;

5. Huwa minnu li l-bejgħ tax-xorb jonqos xi ftit wara s-sajf pero' lanqas huwa mistenni li meta l-atturi ħadu r-rotta f'idejhom, minħabba l-prezzijiet baxxi li kien innegozja bil-moħbi l-konvenut, huma sabu ruħhom li tant kellhom ibaxxu l-prezzijiet li matul ix-xhur li damu joperaw (inkluż is-sajf) l-atturi ma kinux qed joperaw bi qliegħ. Dan kollu jindika li intenzjonalment u bi skop qarrieqi l-konvenut Christopher Drago ma kienx ta stampa reali u veritjiera tal-andament tan-negozju qabel ma' sar il-bejgħ. Anzi huwa fittex li jneffaħ il-figuri tal-bejgħ u l-marġini tal-profitti b'mod qarrieqi sabiex ikun jista' jikkonvinċi lill-atturi jaslu miegħu għall-kompro-vendita;

6. Irriżulta wkoll li parti mill-ħlas riċevut mill-konvenuti kien ikopri l-avvjament tar-rotta meta fil-fatt wara rriżulta li fuq dik ir-rotta seta' jaħdem min irid;

7. Il-kunsiderazzjonijiet kollha suesposti mhux biss juru nuqqas ta' *bona fidi* mill-konvenut iżda raġġiri wżati minnu b'mod tali illi li kieku l-atturi kienu ġew infurmati bihom qabel, partikolarment il-fatt li l-prezzijiet fuq l-ordnijiet tal-konvenut ma kinux jirriflettu l-prezz li verament kien qiegħed jitħallas, l-atturi ma kinux jiffirmaw il-ftehim tas-17 ta' Settembru 2016 u dan kif konfermat minnhom stess.

Għalhekk la darba fil-fehma tal-Qorti ġie ppruvat li l-ftehim tas-17 ta' Settembru 2016 kien vizzjat b'qerq, frodi u ngann a skapitu tal-atturi, l-**ewwel talba tagħhom timmerita li tiġi akkolta.**

**Per konsegwenza ser jintlaqgħu wkoll it-tieni, t-tielet u r-raba' talba.**

Fil-bqija tat-talbiet l-atturi jressqu pretensjonijiet ta' danni subiti minnhom b'riżultat tal-frodi kommess minnhom.

Kif xehdu l-atturi stess, in-negozju li ħadu f'idejhom mingħand il-konvenuti dam għaddej inqas minn sena.

Fl-atti pero' l-atturi naqsu għal kollox milli jressqu prova waħda dwar kemm kienu d-danni subiti minnhom, imqar b'mod approssimattiv. Eżerċizzju bħal dan kien jispetta lill-atturi u mhux jitħalla fil-għama f'idejn il-Qorti mingħajr ma jipprovdulha l-iċken għodda biex hija tkun tista' tagħmel dan. Kienu l-atturi stess li fis-sitt talba ndikaw li l-likwidazzjoni tad-danni, jekk meħtieġ, issir bis-saħħa ta' periti nominati. Imma lanqas din it-talba ma għamlu fil-mori tal-kawża.

Ingħad hekk in materja fil-każ **Joseph Muscat et vs Alfred Joseph Baldacchino et deċiż fit-8 ta' Jannar 2016 -**

*"Illi l-Qorti hi tal-fehma li mhuwiex kompitu tagħha li tillikwida d-danni hekk sofferti, u dana għaliex l-fatt illi l-atturi naqsu li jipprovdu dokumentazzjoni apposita sabiex din il-Qorti tillikwidahom. Il-Qorti tillikwida d-danni arbitrio boni viri meta jkun impossibbli għall-attur li jressaq il-provi preċiżi dwar l-entita' tagħhom u mhux meta jonqos li jressaq il-provi dwarhom. Għaldaqstant il-Qorti qegħda tiċħad din it-talba attriċi u tilqa' l-għaxar eċċezzjoni tal-konvenuti."*

**Għalhekk il-bqija tat-talbiet ser jiġu miċħuda għax ma ġewx pruvati.**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi –**

**1. Tilqa l-ewwel żewġ talbiet kif dedotti;**

**2. Tilqa' t-tielet talba u tinnomina lin-nutar Dr. Roberta Bisazza sabiex tippubblika l-kuntratt ta' rexxissjoni tal-kuntratt mertu tal-kawża datat 17 ta' Settembru 2016 fil-jum tal-10 ta' Novembru 2023 u l-ħin is-siegħa ta' wara l-nofsinhar (1:00p.m.) fl-edifizju tal-Qorti kif ukoll lil Dr. Marco Ciliberti bħala kuratur deputat sabiex jirrapreżenta lill-eventwali kontumaċi;**

**3. Tilqa' r-raba' talba kif dedotta;**

**4. Tiċħad il-bqija tat-talbiet;**

**5. L-ispejjes tal-kawża jkunu a karigu tal-konvenuti.**

**Onor. Miriam Hayman LL.D.**

**Imħallef**

**Rita Falzon**

**Dep.Reġ**